2026/395

2.6.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/395

tat-23 ta' Frar 2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti u tal-lista ta' informazzjoni li tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospetti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4), l-Artikolu 21(13) u l-Artikolu 25(7) tiegħu,

Billi:

(1) Bħala parti mill-inizjattiva tal-Att dwar il-Kwotazzjoni, li għandha l-għan li tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u li tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) introduċa żewġ tipi ġodda ta' prospetti f'forma qasira li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet għall-emittenti: il-prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-tkabbir, imfassal prinċipalment għall-SMEs u l-kumpaniji kkwotati jew li għandhom jiġu kkwotati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, u l-Prospett ta' Segwitu tal-UE, għall-ħruġ sekondarju ta' titoli minn kumpaniji diġà kkwotati f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir tal-SMEs. Dawk il-prospetti l-ġodda għandhom jiġu ppreżentati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) u ppubblikati permezz tal-mekkaniżmu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Għaldaqstant, il-lista tad-data li tinqara minn magna li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-ESMA, stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 ([3]), jenħtieġ li tiġi aġġornata biex tinkludi dawk il-prospetti.

(2) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), l-emittenti li joħorġu bonds li għandhom jiġu ddeżinjati bħala Bonds Ekoloġiċi Ewropej ("EuGBs", European Green Bonds) għandhom jippubblikaw prospett f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129. Tali prospetti għandhom jiġu inklużi fil-mekkaniżmu ta' ħżin imsemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Għalhekk, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jintalbu jipprovdu lill-ESMA data li tinqara minn magna li tindika (i) liema titoli jikkwalifikaw bħala EuGBs jew bħala bonds ta' titolizzazzjoni, kif definit fl-Artikolu 2(22) tar-Regolament (UE) 2023/2631, meta ddeżinjati bħala EuGBs, u (ii) liema titoli jikkwalifikaw bħala bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5) ta' dak ir-Regolament, jew bħala bonds marbuta mas-sostenibbiltà kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), ta' dak ir-Regolament meta l-emittenti ta' dawk il-bonds jagħmlu divulgazzjonijiet volontarji skont l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament. Il-lista ta' metadata stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jenħtieġ li tiġi aġġornata skont dan.

([1]) ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/979/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj).

(3) Ir-Regolament (UE) 2024/2809 introduċa rekwiżit għall-emittenti biex jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom id-dokumenti ta' eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 1(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti (da) u (db), u fl-Artikolu 1(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba), tar-Regolament (UE) 2017/1129, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2809. Introduċa wkoll rekwiżit għall-ESMA biex tinkludi fir-rapport annwali tagħha mħejji f'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 analiżi u statistika fir-rigward tal-punt sa fejn tali eżenzjonijiet jintużaw fl-Unjoni kollha. Sabiex jiġi minimizzat il-piż fuq l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jissottomettu dawk id-dokumenti lill-ESMA permezz tal-mekkaniżmu ta' ħażna msemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Jenħtieġ li dik is-sottomissjoni tkun tinkludi l-metadata li tippermetti lill-ESMA tħejji tali statistika. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jiġi aġġornat biex jirrifletti dawk il-bidliet, inkluż il-lista ta' metadata stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament Delegat.

(4) L-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jibnu, sa fejn ikun possibbli, fuq il-mekkaniżmi implimentati għall-finijiet tal-Artikolu 25(6) ta' dak ir-Regolament biex jagħmlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(1) tiegħu aċċessibbli fil-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP, European Single Access Point). Sabiex jiġi minimizzat il-piż regolatorju kemm fuq l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll fuq l-emittenti, l-obbligu li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 issir aċċessibbli fl-ESAP jista' jiġi ssodisfat billi tali informazzjoni ssir disponibbli għall-ESMA permezz tal-portal ta' notifika msemmi fl-Artikolu 25(6) ta' dak ir-Regolament. Il-portal ta' notifika għandu jintuża biex tiġi sottomessa l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 f'konformità mal-Artikolu 21(5) ta' dak ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Artikolu 21a tiegħu li bħalissa mhijiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ħażna msemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129, akkumpanjata mill-metadata rilevanti. Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jiġi aġġornat biex jirrifletti dawk il-bidliet.

(5) Huma meħtieġa aktar emendi għad-data li tinqara minn magna biex jiġu indirizzati kwistjonijiet minuri identifikati mill-ESMA. Dawk l-emendi jikkonċernaw żieda ta' kamp tad-data ġdid u bidliet fl-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-kampijiet tad-data. Il-lista ta' metadata stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jenħtieġ li tiġi aġġornata skont dan.

(6) Ir-referenza għad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) tneħħiet mill-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/1129. B'riżultat ta' dik il-bidla, ma kienx għadu possibbli li jiġu inkorporati b'referenza d-dokumenti li ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew li ġew ippreżentati lilha f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE. Dak kellu impatt fuq il-ħruġ funġibbli ta' titoli mingħajr ekwità li oriġinarjament kienu offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat skont id-Direttiva 2003/71/KE, billi t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawk it-titoli normalment kienu jkunu inkorporati b'referenza fil-prospett approvat skont ir-Regolament (UE) 2017/1129. Sabiex jiġi evitat aktar piż amministrattiv fuq l-emittenti, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' dokumenti addizzjonali li jistgħu jiġu inkorporati b'referenza fil-prospetti, lil hinn minn dawk elenkati fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Dan jagħmilha possibbli li jiġu inklużi dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew ippreżentati lilha, f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE, sabiex jinżammu r-rekwiżiti preeżistenti u tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' informazzjoni li tkun diġà ġiet iddivulgata u ppubblikata skont liġi oħra tal-Unjoni.

(7) Ir-Regolament (UE) 2023/2631 introduċa mudelli ta' divulgazzjoni sostenibbli fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà biex jiffaċilita t-tqabbil u jindirizza l-greenwashing. Sabiex l-emittenti jkollhom inċentiv jużaw dawk il-mudelli opzjonali għad-divulgazzjoni ta' qabel il-ħruġ, huwa meħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' dokumenti addizzjonali li jistgħu jiġu inkorporati b'referenza fil-prospetti. Dan inaqqas il-kostijiet assoċjati mat-tfassil tad-divulgazzjonijiet addizzjonali dwar l-aspetti relatati mal-ESG tat-titoli u jgħin biex jiġu minimizzati l-piżijiet għall-emittenti li jfasslu prospett, f'konformità mal-objettivi li jitnaqqsu l-piż u l-kostijiet regolatorji għall-kumpaniji, speċjalment għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, assoċjati mal-proċess tal-kwotazzjoni.

([5]) Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/71/oj).

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA. L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). L-ESMA ma wettqitx konsultazzjoni pubblika u analiżi separati fir-rigward tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-inkorporazzjoni b'referenza ta' dokumenti addizzjonali fil-prospetti, billi qieset li jkunu ta' piż sproporzjonat, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt limitati tal-bidliet proposti. Fir-rigward tal-inkorporazzjoni b'referenza tad-dokumenti ta' divulgazzjoni fakultattivi ta' qabel il-ħruġ skont ir-Regolament (UE) 2023/2631, l-ESMA ġabret feedback mill-partijiet ikkonċernati fid-Dokument ta' Konsultazzjoni tagħha dwar l-abbozz ta' parir tekniku dwar ir-Regolament dwar il-Prospett u dwar l-aġġornament tas-CDR dwar il-metadata ([7]) u l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati appoġġaw il-proposta mill-ESMA.

(9) Sabiex jiġi minimizzat il-piż fuq l-awtoritajiet kompetenti u fuq l-emittenti, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun allinjata mad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129. Dak l-allinjament għandu jippermetti l-użu tal-portal ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129 biex jiġi żgurat li l-informazzjoni indikata fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament tkun aċċessibbli fuq l-ESAP.

(10) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament huma sostanzjalment marbuta ma' xulxin, peress li jemendaw l-istess Regolament Delegat u huma relatati l-aktar mat-tipi l-ġodda ta' prospetti jew man-natura tal-informazzjoni inkluża fihom, jew fuq bażi obbligatorja jew fuq bażi volontarja, li jirriżultaw mill-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2809,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/979

(1) Jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

"*Artikolu 11a*

Informazzjoni aċċessibbli fil-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew

Għall-finijiet tal-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(1) aċċessibbli fuq il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) billi jipprovdu lill-ESMA permezz tal-portal ta' notifika msemmi fl-Artikolu 25(6) ta' dak ir-Regolament b'kopja elettronika ta' dik l-informazzjoni, u d-data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tagħha fil-mekkaniżmu ta' ħażna msemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129, f'konformità mat-tabelli stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11b

Kopja elettronika tad-dokumenti ta' eżenzjoni

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu lill-ESMA, permezz tal-portal ta' notifika msemmi fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129, kopja elettronika tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 1(4), il-punti (da) u (db), u fl-Artikolu 1(5), il-punt (ba), tar-Regolament (UE) 2017/1129 għall-analiżi msemmija fl-Artikolu 47(3)(a) ta' dak ir-Regolament.";

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

([7]) Id-Dokument ta' Konsultazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2024 dwar l-abbozz ta' parir tekniku dwar ir-Regolament dwar il-Prospett u dwar l-aġġornament tas-CDR dwar il-metadata (ESMA32-117195963-1276), disponibbli fuq: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276_CP_Listing_Act_Advice_-_Prospectus.pdf.

(2) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Arranġamenti prattiċi biex ikun żgurat li d-data tkun tista' tinqara mill-magni

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi d-data li takkumpanja msemmija fl-Artikoli 11, 11a u 11b f'format XML komuni u f'konformità mal-format u mal-istandards stabbiliti fit-tabelli fl-Anness VII.";

(3) jiddaħħal il-Kapitolu VIa li ġej:

"KAPITOLU VIa

DOKUMENTI GĦAL INKORPORAZZJONI B'REFERENZA FI PROSPETT KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 19 TAR-REGOLAMENT (UE) 2017/1129

Artikolu 21a

Minbarra d-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, jistgħu jiġu inkorporati d-dokumenti li ġejjin b'referenza fi prospett:

(a) id-dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew ippreżentati lilha, f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(b) divulgazzjonijiet ta' qabel il-ħruġ għall-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

_____

(*) Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/71/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj).";

(4) l-Anness VII huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punti (1), (2) u (4), madankollu, għandhom japplikaw mill-10 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS VII

DATA LI TINQARA MINN MAGNA LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA LILL-ESMA

Tabella 1

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
1.	Identifikatur nazzjonali	Identifikatur uniku tar-rekord imtella', assenjat mill-NCA li tibgħat	{ALPHANUM-50}
2.	Identifikatur nazzjonali relatat	Identifikatur uniku tar-rekord li miegħu huwa relatat ir-rekord imtella', assenjat mill-NCA li tibgħat Mhux irrapportat f'każ li l-identifikatur nazzjonali relatat ma jkunx applikabbli	{ALPHANUM-50}
3.	Stat Membru li jibgħat	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru li approva r-rekord imtella' jew li bih ġie ffajljat ir-rekord imtella'	{COUNTRYCODE_2}
4.	Stat Membru li jirċievi/Stati Membri li jirċievu	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru/i li lilu/lilhom għandu jiġi notifikat jew ikkomunikat ir-rekord imtella' Meta diversi Stati Membri għandhom jiġu kkomunikati, l-attribut 4 għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{COUNTRYCODE_2}
5.	Tip ta' dokument	It-tip ta' dokument(i) imtella'/imtellgħin	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: — 'BPFT' — Prospett bażi b'termini finali — 'BPWO' — Prospett bażi mingħajr termini finali — 'STDA' — Prospett awtonomu — 'REGN' — Dokument ta' reġistrazzjoni — 'URGN' — Dokument tar-reġistrazzjoni universali — 'SECN' — Nota tat-titoli — 'FTWS' — Termini finali, inkluż is-sommarju tal-ħruġ individwali anness magħhom — 'SMRY' — Sommarju — 'SUPP' — Suppliment — 'SUMT' — Traduzzjoni tas-sommarju — 'APPT' — Traduzzjoni tal-appendiċi — 'COAP' — Ċertifikat ta' Approvazzjoni — 'AMND' — Emenda — 'EXMP' — Dokument ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 1(4)(da), l-Artikolu 1(4)(db), l-Artikolu 1(5)(ba), l-Artikolu 1(4)(f), l-Artikolu 1(4)(g), l-Artikolu 1(5)(e), jew l-Artikolu 1(5)(f), tar-Regolament (UE) 2017/1129

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
			— 'FOPA' — Prezz tal-offerta finali u ammont ta' titoli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2017/1129 Meta dokumenti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [5] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ biex jiġi deskritt kull dokument li jagħmel parti mir-rekord
6.	Kategorija ta' eżenzjoni	Raġuni għall-eżenzjoni Jistgħu jintgħażlu diversi kategoriji	— 'EDPR' — Dokument ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 1(4)(da), l-Artikolu 1(4)(db) jew l-Artikolu 1(5)(ba), tar-Regolament (UE) 2017/1129 [titoli funġibbli] — 'EDMD' — Dokument ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 1(4)(g), jew l-Artikolu 1(5)(f), tar-Regolament (UE) 2017/1129 [fużjoni jew diviżjoni] — 'EDTK' — Dokument ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 1(4)(f), jew l-Artikolu 1(5)(e), tar-Regolament (UE) 2017/1129 [xiri]
7.	Tip ta' struttura	Il-format magħżul għall-prospett	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: — 'SNGL' — Prospett magħmul minn dokument uniku — 'SPWS' — Prospett li jikkonsisti f'dokumenti separati b'sommarju — 'SPWO' — Prospett li jikkonsisti f'dokumenti separati mingħajr sommarju
8.	Data ta' approvazzjoni jew ta' preżentazzjoni	Id-data li fiha ġie approvat jew ippreżentat ir-rekord imtella'	{DATEFORMAT}
9.	Lingwa	Il-lingwa tal-UE li biha huwa abbozzat ir-rekord imtella'	{LANGUAGE}
10.	Isem standardizzat tal-offerent	Isem u kunjom l-offerent f'każ li l-offerent ikun persuna fiżika Meta offerenti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [10] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{ALPHANUM-280}
11.	Isem standardizzat tal-garanti	Isem u kunjom il-garanti f'każ li l-garanti jkun persuna fiżika Meta garanti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [11] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{ALPHANUM-280}

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
12.	LEI tal-Emittent	Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-emittent Meta diversi emittenti għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [12] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{LEI}
13.	LEI tal-Offerent	Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-offerent Meta offerenti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [13] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{LEI}
14.	LEI tal-Garanti	Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-garanti Meta garanti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [14] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{LEI}
15.	Residenza tal-offerent	Ir-residenza tal-offerent fil-każ li l-offerent ikun persuna fiżika Meta offerenti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [15] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{COUNTRYCODE_2}
16.	Residenza tal-garanti	Ir-residenza tal-garanti fil-każ li l-garanti jkun persuna fiżika Meta garanti multipli għandhom jiġu kkomunikati, il-kamp [16] għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{COUNTRYCODE_2}
17.	FISN	Isem Qasir tal-Istrument Finanzjarju tat-titolu Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	{FISN}
18.	ISIN	Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli	{ISIN}
19.	CFI	Klassifikazzjoni tal-Kodiċi tal-Istrument Finanzjarju Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	{CFI_CODE}

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
20.	Valuta tal-ħruġ	Kodiċi li jirrappreżenta l-valuta li fiha l-valur nominali jew nozzjonali huwa denominat Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	{CURRENCYCODE_3}
21.	Denominazzjoni għal kull unità	Valur nominali jew valur nozzjonali għal kull unità fil-valuta tal-ħruġ Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN Attribut applikabbli għal titoli b'denominazzjoni definita	{DECIMAL-18/5}
22.	Identifikatur jew isem tal-istrument sottostanti	Kodiċi ISIN tat-titolu/indiċi sottostanti jew l-isem tat-titolu/indiċi sottostanti jekk ma jeżistix ISIN Meta basket ta' titoli, għandu jiġi identifikat bħala tali Kamp applikabbli għal titoli bi strument sottostanti definit. Dan il-kamp jenħtieġ li jiġi ripetut għal kull ISIN ta' tali titoli	Għal strument sottostanti uniku: — Fil-każ ta' titolu jew indiċi b'ISIN eżistenti: {ISIN} — Fil-każ li l-indiċi ma għandux ISIN: {INDEX} — Barra minn hekk: {ALPHANUM-50} Għal strumenti sottostanti multipli (aktar minn wieħed): 'BSKT'
23.	Data ta' maturità jew skadenza	Id-data tal-maturità jew id-data tal-iskadenza tat-titolu, meta applikabbli Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN Kamp applikabbli għal titoli b'maturità definita	{DATEFORMAT} Għat-titoli ta' dejn perpetwu, il-kamp 22 għandu jimtela bil-valur 9999-12-31
24.	Volum offrut	Għadd ta' titoli offruti Kamp applikabbli biss għall-ekwità Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN applikabbli	{INTEGER-18} Jew bħala valur wieħed, firxa ta' valuri jew massimu
25.	Prezz offrut	Prezz għal kull titolu offrut, f'valur monetarju. Il-valuta tal-prezz hija l-valuta tal-korrispettiv offrut Kamp applikabbli biss għall-ekwità Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN applikabbli	{DECIMAL-18/5} Jew bħala valur wieħed, firxa ta' valuri jew massimu 'PNDG' f'każ li l-prezz offrut ma jkunx disponibbli iżda pendenti 'NOAP' fil-każ li l-prezz offrut ma jkunx applikabbli

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
26.	Korrispettiv offrut	Ammont totali offrut, bil-valur monetarju tal-munita tal-korrispettiv offrut Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	{DECIMAL-18/5} Jew bħala valur wieħed, firxa ta' valuri jew massimu 'PNDG' f'każ li l-korrispettiv offrut ma jkunx disponibbli iżda pendenti 'NOAP' fil-każ li l-korrispettiv offrut ma jkunx applikabbli
27.	Munita tal-korrispettiv offrut	Kodiċi tal-munita tal-korrispettiv offrut Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN.	{CURRENCYCODE_3}
28.	Prezz tal-offerta finali	Prezz għal kull titolu offrut, f'valur monetarju. Kamp applikabbli biss għall-ekwità. Kamp applikabbli biss għall-offerti finali. Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN applikabbli	{DECIMAL-18/5} Valur wieħed
29.	Munita tal-prezz tal-offerta finali	Il-munita tal-offerta finali. Kamp applikabbli biss għall-ekwità.	{CURRENCYCODE_3}
30.	Volum tal-offerta finali	Għadd ta' titoli offruti Kamp applikabbli biss għall-offerti finali. Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN applikabbli	{INTEGER-18} Valur wieħed
31.	Korrispettiv tal-offerta finali	L-ammont totali offrut, f'valur monetarju tal-munita tal-korrispettiv offrut Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	{DECIMAL-18/5} Valur wieħed
32.	Tip ta' titolu	Klassifikazzjoni ta' kategoriji ta' titoli ta' ekwità u li mhumiex ta' ekwità Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: Ekwità — 'SHRS': Sehem — 'UCEF': Unità jew sehem f'fondi tat-tip magħluq — 'CVTS': Titolu konvertibbli — 'DPRS': Riċevuti depożitarji — 'OTHR': Ekwità oħra

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
			Dejn — 'DWLD': Dejn b'denominazzjoni għal kull unità ta' mill-inqas EUR 100 000 — 'DWHD': Dejn b'denominazzjoni għal kull unità ta' anqas minn EUR 100 000 — 'DLRM': Dejn b'denominazzjoni għal kull unità ta' anqas minn EUR 100 000 nnegozjat f'suq regolat li għalih għandhom aċċess biss l-investituri kwalifikati — 'ABSE': ABS — 'DERV': Titolu derivattiv
33.	Tip ta' offerta/ ammissjoni	It-tassonomija skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: — 'IOWA': Offerta pubblika inizjali mingħajr ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat — 'IORM': Offerta pubblika inizjali b'ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat — 'SOWA': Offerta pubblika sekondarja mingħajr ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat — 'IRMT': Ammissjoni inizjali għall-kummerċ f'suq regolat — 'IPTM': Ammissjoni inizjali għall-kummerċ f'suq regolat wara l-innegozjar preċedenti fil-faċilità multilaterali tan-negozjar (Multilateral Trading Facility, MTF) — 'IMTF': Ammissjoni inizjali għall-kummerċ fuq l-MTF b'offerta lill-pubbliku — 'SOOA': Offerta pubblika sekondarja b'ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat — 'SIWO': Ħruġ sekondarju f'suq regolat mingħajr offerta lill-pubbliku — 'SIOP': Ħruġ sekondarju f'MTF b'offerta lill-pubbliku
34.	Karatteristiċi taċ-ċentru ta' negozjar fejn it-titolu huwa inizjalment ammess għall-kummerċ	It-tassonomija skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: — 'RMKT': RM miftuħ għall-investituri kollha — 'RMQI': RM, jew segment tiegħu, limitat għal investituri kwalifikati — 'MSGM': MTF li hija suq ta' tkabbir tal-SMEs — 'MLTF': MTF li mhijiex suq ta' tkabbir tal-SMEs
35.	Reġim ta' divulgazzjoni	In-numru tal-anness li f'konformità miegħu huwa abbozzat il-prospett skont ir-Regolament Delegat (UE) 2019/980 Meta għandhom jiġu kkomunikati diversi annessi, il-kamp 35 għandu jiġi rrapportat kemm-il darba jkun meħtieġ	{INTEGER-2} Minn 1 sa [50]

Numru	Qasam	Kontenut li għandu jiġi rrapportat	Format u Standard li għandhom jintużaw għar-rapportar
36.	Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir	Ir-raġuni li abbażi tagħha ġie użat il-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: — 'S15A': emittenti skont l-Artikolu 15a(1), punt (a) tar-Regolament (UE) 2017/1129 — 'I15B': emittenti skont l-Artikolu 15a(1), punt (b) tar-Regolament (UE) 2017/1129 — 'I15C': emittenti skont l-Artikolu 15a(1), punt (c) tar-Regolament (UE) 2017/1129 — 'O15D': offerenti ta' titoli skont l-Artikolu 15a(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2017/1129
37.	Prospett ta' Segwitu tal-UE	Ir-raġuni għaliex ġie użat il-Prospett ta' Segwitu tal-UE	Għażla minn lista ta' kampi ta' data definiti minn qabel: — 'I14A': emittenti skont l-Artikolu 14a(1), punt (a) tar-Regolament (UE) 2017/1129 — 'I14B': emittenti skont l-Artikolu 14 a(1), punt (b) tar-Regolament (UE) 2017/1129 — 'I14C': emittenti skont l-Artikolu 14 a(1), punt (c) tar-Regolament (UE) 2017/1129 — 'O14D': offerenti ta' titoli skont l-Artikolu 14a(1), punt (d) tar-Regolament (UE) 2017/1129
38.	Regolament (UE) 2023/2631	Bandiera li tindika jekk it-titolu jikkwalifikax bħala 'Bond Ekoloġiku Ewropew' jew 'EuGB', bond ikkummerċjalizzat bħala ambjentalment sostenibbli jew bond marbut mas-sostenibbiltà. Dan il-kamp jenħtieġ li jkun repetut għal kull ISIN	— EuGB: titolu bl-użu tad-dežinjazzjoni 'Bond Ekoloġiku Ewropew' jew 'EuGB' skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2631 — ESSL: bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew bonds marbuta mas-sostenibbiltà, li l-emittenti tagħhom jagħmlu divulgazzjonijiet volontarji skont l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 — SEGB: bond ta' titolizzazzjoni ddežinjat bħala 'Bond Ekoloġiku Ewropew' jew 'EuGB' skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2023/2631 Fil-każ ta' EuGB jew SEGB: {LEI} tar-rieżaminatur estern

Tabella 2

Simbolu	Tip ta' Data	Definizzjoni
{ALPHANUM-n}	Sa *n* karattri alfanumeriċi	Kamp tat-test liberu
{CFI_CODE}	6 karattri	Kodiċi CFI kif definit f'ISO 10962
{COUNTRYCODE_2}	2 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alfa-2
{DATEFORMAT}	Dati fil-format li ġej: SSSS-XX-JJ Id-dati għandhom jiġu rrapportati f'UTC	Format tad-data skont ISO 8601
{LANGUAGE}	Kodiċi b'żewġ ittri	ISO 639-1

Simbolu	Tip ta' Data	Definizzjoni
{LEI}	20 karattru alfanumeriku	Identifikatur tal-entità ġuridika kif definit f'ISO 17442
{FISN}	35 karattru alfanumeriku bl-istruttura li ġejja	Kodiċi FISM, kif definit f'ISO 18774
{ISIN}	12-il karattru alfanumeriku	Kodiċi ISIN, kif definit fl-ISO 6166
{CURRENCYCODE_3}	tliet karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-munita bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-munita ISO 4217
{DECIMAL-n/m}	Numru deċimali sa *n* ċifri b'kollox, li minnhom sa *m* ċifri jistgħu jkunu ċifri ta' frazzjonijiet	Attribut numeriku Is-separatur deċimali hu'.' (punt) Il-valuri huma arrotondati u mhux maqtugħa.
{INTEGER-n}	Numru sħiħ sa *n* ċifri b'kollox	Attribut numeriku
{INDEX}	4 karattri alfabetiċi	'ESTR' — €STR 'EURI' — EURIBOR 'EUUS' — EURODOLLAR 'EUCH' — EuroSwiss 'GCFR' — GCF REPO 'ISDA' — ISDAFIX 'LIBI' — LIBID 'MAAA' — Muni AAA 'PFAN' — Pfandbriefe 'TIBO' — TIBOR 'STBO' — STIBOR 'BBSW' — BBSW 'JIBA' — JIBAR 'BUBO' — BUBOR 'CDOR' — CDOR 'CIBO' — CIBOR 'MOSP' – MOSPRIM 'NIBO' — NIBOR 'PRBO' — PRIBOR 'TLBO' — TELBOR 'WIBO' — WIBOR 'TREA' — Teżor 'SWAP' — Swaps 'FUSW' — Swaps fuq futuri 'EFFR' — Rata Effettiva tal-Fondi Federali 'OBFR' — Rata ta' Finanzjament Bankarju minn Jum għall-Iehor 'CZNA' — CZEONIA 'TONA' — TONA"